MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 58/2008

**Il- Pulizija**
**[Spettur Mario Tonna]**
**[Spettur Nezren Grixti]**

**vs**

**Clint Bonavia, Simon Micallef**
**Kevin Taliana, Carlo Ciscaldi**
**Clayton Castaldi, Mario Zammit**
**Jason Camilleri, Keiston Theuma**

Kumpilazzjoni Numru: 58/2008

**Illum 20 ta' Ottubru, 2008,**

Il- Qorti,

Rat l- akkuzi migjuba kontra l- imsemmija:

Clint Bonavia ta' 28 sena, bin Anthony u Gorgina nee' Taliana, imwieled gewwa Pieta nhar il 18.03.1979 u residenti gewwa 55 St Gejtan Str Hamrun. ID.146379(M)

Simon Micallef ta' 32 sena, bin Mario u Doris nee' Debattista, imwieled gewwa Pieta nhar il 05.09.1975 u residenti gewwa Joe Anna Mary Flats Flt 4 Mdina Road Naxxar. ID.457375(M)

Kevin Taliana ta' 28 sena, bin John u Margaret nee' Stellini, imwieled gewwa Pieta nhar il 16.09.1974 u residenti gewwa Thiene 56 Triq Hal Qormi (Torretta) Santa Venera. ID.436974(M)

Carlo Ciscaldi ta' 29 sena, bin Joseph u Margaret nee' Mifsud, imwieled gewwa H'Attard nhar il-28.11.1978 u residenti gewwa 31 Margerita Triq Regjonali Santa Venera. ID.578978(M)

Clayton Castaldi ta' 23 sena, bin Dean u Anne nee' Tanti, imwieled gewwa Pieta nhar il-07.08.1984 u residenti gewwa Blk I Flt 7 Bini tal- Gvern Hamrun. ID.369184(M)

Mario Zammit ta' 40 sena, bin Alfred u Doris nee' Grixti, imwieled gewwa Pieta nhar il 18.10.1967 u residenti gewwa 14 Triq Santa Marija Qormi. ID.465367(M)

Jason Camilleri ta' 23 sena, bin Gaetano u Giovanna nee' Difesa imwieled gewwa Pieta nhar il-15.09.1984 u residenti gewwa 18 Triq Hal-Qormi. ID.453784(M)

Keiston Theuma ta' 19 sena, bin Mario u Bridgette nee' Aquilina imwieled gewwa Pieta nhar il 26.11.88 u residenti gewwa Marbri number 3 Triq Anthony Valletta. ID.544988(M)

Akkuzati talli:

F'l-istadium nazzjonali ta' Qali, nhar id-19 ta' Jannar 2008, fil-hinijiet bejn il-16.30Hrs u 18.00Hrs ta' filghaxija

waqt il-loghba tal-football bejn Hamrun u Valletta, xewwxu gemgha ta’ nies, illi hekk imxewwxa ingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar, sabiex jghamlu reat liema reat filfatt sar, u dan ai termini tal- artikoli 68 (1) (3) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli flistess data, lok, hin, u cirkostanzi hadu parti attiva f’gemgha ta ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jghamlu reat, ukoll jekk dik il-gemgha ta’ nies ma kienet giet imxewxa minn hadd partikolari u dan bi ksur ta’ l-artikolu 68(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi pubblikament, xewwxu lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 70 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe’ ta diversi ufficjali, membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom L-ispettur Nezren Grixti, Spettur Mario Tonna u il-Maggur Anthony Lia jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewx lil haddiehor u cioe’ l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija, jaghmlu dak li b-ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun u dan ai termini ta’ l-artiklou 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan ai termini ta’ l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi uzaw kliem offensiv lejn diversi membri tal-korp tal-pulizija imsemmija aktar il-fuq, u lejn membri ohra tal- publiku jew gabu rwiehom abbuzivament, u dan ai termini ta’ l-artikolu

7 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal- kapitolu 10 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded persuna ohra b’gebel jew xi oggett iehor jew tefa’ xi gebla jew oggett iehor u cioe’ siggijeit fuq il-post fejn ikun qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta’ l-isports, jew li, filwaqt li kienu qieghedin hemmhekk jew kien hergin minn hemm.

U aktar talli waqt l- istess hinijiet indikati, fl-istess lok dati u that l- istess cirkostanzi ikkomettew hsarat volontarji billi kissru ‘seats’ tal- grounds f’ Ta qali u dan a detriment tal-MFA liema valur jeccedi il- 116.5 Euro izda ma jeccedix 1165 Euro u dan ai terminu tal- artikolu 325 tal- kapitolu 9 tal- ligijiet ta’ Malta

Il- Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi joghgobha tapplika l-artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal- Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta billi tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fi ‘grounds ta’ sports’ ghall-dak il-perjodu ta’ zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li kl-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 68, 325, 338(bb), 338(ee) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 6 u 7 ta’l-Avviz Legali 88/1978.

Rat l-atti processwali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 20 ta’ Ottubru 2008 l-imputat Mario Zammit ammetta r-raba, l-hames u s-sebgha imputazzjoni fil-waqt li l-imputati l-ohra ammettew l-imputazzjonijet kollha migjuba fil-konfront taghhom. L-imputati kollha kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet ammessi minn kull wiehed mill-imputati jirrizultaw sodisfacjentement pruvati in vista ta' din l-ammissjoni.

Illi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u t-tmien imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mario Zammit ma jirrizultawx mill-provi prodotti.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat n-natura tar-reati, l-ammissjoni ta'l-imputati ghalkemm mhux fi stadju l-aktar bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali taghhom, u il-fatt li l-Malta Football Association gja giet risarcita ghad-danni sofferti.

Ghal dawn il-motivi

Wara li rat l-artikoli 338(bb), 338(ee) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 6 ta'l-Avviz Legali 88/1978, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Mario Zammit** hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u t-tmien imputazzjoni u minnhom tilliberah, fuq ammissjoni ssibu hati tar-raba, il-hames u s-sebgha imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikoliu 22 tal-Kap 9 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Wara li rat l-artikoli 68, 325, 338(bb), 338(ee) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 6 u 7 ta'l-Avviz Legali 88/1978 fuq ammissjoni ssib lill-imputati l-ohra **Clint Bonavia, Simon Micallef, Kevin Taliana, Carlo Ciscaldi, Clayton Castaldi, Jason Camilleri, u Keiston Theuma** hatja ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 9 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

In oltre b'applikazzjoni tar-regolament 9 ta'l-Avviz Legali 88/1978 kull wiehed mill-imputati qed jigi projbit mill-jattendi ghal loghob tal- football fi kwalunkwe ground ghal perjodu ta' sitt xhur mill-llum.

In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kap 9 qed tordna li kull wiehed mill-imputati ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti sehem proporzjonali mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-espert Martin Bajjada.

Il-Qorti spjegat fi kliem car u x'jigri jekk l-imputati jikkommettu reat iehor fil-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------